MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2014

Avviz Numru. 4/2010

**F.A Limited (C-38734) kif surrogata fid-drittijiet ta'**

**Malta International Airport Plc**

**vs**

**Mexico Garage Rent-a-Car Co. Ltd (C-5002)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tas-socjeta’ attrici li gie pprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti fis-7 ta’ Jannar, 2010 fejn talbet lil din il-Qorti prevja kull dikjarazzjoni necessarja tikkundanna lis-socjeta’ intimata thallasha s-somma ta’ ghaxart elef, disgha mija w erbgha u sebghin Ewro u tmienja u tletin Ewro centezmu (€10,974.38) rapprezentanti varji servizzi rezi lilha, li baqghu ma thallsux nonostante diversi nterpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra Ufficcjali Ezekuttiva fl-istess ismijiet u l-mandati ta’ Sekwestru u Qbid pprezentati kontestwalment ma’ dan l-att u l-imghax legali fejn dan huwa applikabbli mill-1 ta’ Mejju 2006 sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta tas-socjeta’ konvenuta li giet prezentata fil-25 ta’ Frar, 2010 fejn eccepixxiet is-segwenti:

1. *“Illi fl-ewwel lok is-socjeta’ attrici m’ghandhiex dritt tagixxi b’din il-procedura kontra s-socjeta’ intimata stante illi l-iskrittura ta’ cessjoni li fuqha qieghda tibbaza ruhha s-socjeta’ attrici qatt ma giet notifikata lis-socjeta’ intimata skond il-ligi.*
2. *Illi r-rikors promotur huwa nebuluz u ma jissodisfax id-disposizjonijiet tal-Kap 12 stante li ma hemm ebda indikazzjoni ta’ xejn x’inhuma ‘is-servizzi rezi’ illi s-socjeta’ attrici qed tippretendi l-hlas ghalihom.*
3. *Illi f’kull kaz il-pretensjonijiet tas-socjeta’ attrici huma in toto jew in parte preskritti.*
4. *Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi ebda ammont mhu dovut mis-socjeta’ intimata stante li din ma uzufruwiet ebda servizzi lilha rezi da parti tas-socjeta’ attrici.*

5. *Salv kull eccezzjoni ohra spettanti lis-socjeta' intimata skond il-ligi f'kaz li tinghata permess minn din l-Onorabbli Qorti sabiex ticcara t-talba nebuluza taghha kif dedotta fir-rikors promotur."*

**Jason Aquilina** ghan-nom tas-socjeta' attrici xehed nhar id-29 ta' Marzu, 2010 u dan fil-kariga tieghu ta' Direttur. Spjega illi s-socjeta' konvenuta hija fil-fatt kompetitur taghha, Huma joperaw fis-servizzi ta' kiri ta' karozzi, self drive u chauffeur drive u jaf lil Louis Pace ghan-nom tas-socjeta' konvenuta ghaliex kien fil-kunsill tar-rent-a-car association.

Huwa spjega li l-Mexico Garage kien jirrapprezenta l-Budget Rent-a-Car li hija kumpanija internazzjonali dwar kiri ta' karozzi. Spjega illi wahda mill-kumpaniji tieghu kienet inghatat l-opportunita' mill-Budget International sabiex tiehu hi s-suq lokali tal-Budget Rent-a-car. Ghalhekk meta gara dan beda jiktellem u jaghmel negozjati mal-Malta International Airport u dan sabiex jiehu over il-kiosk li hemm fl-arrivals lounge utilizzat mill-Budget permezz ta' rental agreement bejn il-Malta International Airport u l-Budget. Qal li l-Malta International Airport ma kellux oggezzjoni li jiehu over dan il-kiosk peress li kien hemm xi dejn tas-socjeta' konvenuta maghhom dwar l-uzu ta' dan il-kiosk fl-arrivals lounge. Qal li l-Malta International Airport qalulu li jekk is-socjeta' konvenuta ma thallasx id-debitu li kellha f'isem il-Budget hija kienet iwaqfu l-operazzjoni tal-Budget minn dak il-fond. Ghalhekk huwa ha decizjoni kummercjali u hass li kellu jhallas id-dejn li kellha s-socjeta' konvenuta f'isem is-socjeta' Budget. Huwa esebixxa l-ftehim li kien sar bhala *assignments of debts* li sar bejn il-Malta International Airport u s-socjeta' attrici datat 1 ta Mejju 2006 fejn is-socjeta' attrici assumiet id-dejn kollu li kellha s-socjeta' konvenuta f'isem il-Budget. Dan il-fethim gie esebit u mmarkat bhala Dok. JA.

Ikkonferma li d-dejn kollu li kellha s-socjeta' konvenuta mal-Malta International Airport kien fl-ammont ta' Lm4,711.30 ekwivalenti ghall-ammont imsemmi fir-rikors promotur bhala Ewro. Huwa esebixxa wkoll l-istatement li kienet harget il-Malta International Airport u mibghut lis-socjeta' konvenuta li gie mmarkat bhala Dok. JA1 u anness mieghu hemm l-invoices kollha li gew komplessivament I,markati bhala Dok. JA2.

Ix-xhud stqarr illi huwa kien jiltaqa' regolarment ma' Louis Pace ghan-nom tas-socjeta' konvenuta bil-ghan li jissalvagwardjaw l-isem tas-socjeta' estera Budget f'Malta. Qal pero' li huwa kien assuma d-dejn kollu li kellha s-socjeta' konvenuta b'mod verbali u nforma lil Louis Pace u m'ghamillu l-ebda kumment fuq li kien qallu.

**Mario Psaila Savona** xehed nhar is-26 ta' Ottubru 2010 ghan-nom u in rapprezentanza ta' Malta International Airport. Fost is-servizzi ohra li kellha s-socjeta' konvenuta, din kellha franchise u kellha kiosk gewwa l-Malta International Airport fejn kienu jikru l-karozzi u dan kien jinsab fl-arrivals.

Huwa kkonferma li s-socjeta' kovenuta kienet debitrici taghha fl-ammont ta' xi tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm 3,500) u dan l-ammont kien ilu pendenti u kien ilu ma jithallas. Qal li s-socjeta' attrici kienet ghamlet talba sabiex huma jkomplu jirrapprezentaw id-ditta ta' barra Budget u peress li l-Budget ta' barra xtaqu li jkunu rapprezentati mis-socjeta' attrici huma ma kellhomx oggezzjoni purche' huma jithalsu tad-dejn li kellha s-socjeta' konvenuta maghhom.

Huwa gie muri l-invoices esebiti a fol. 13 et seq tal-atti u qal li dawn huma invoices mahruga mill-Malta International Airport lis-socjeta' konvenuta pero' il-kont kien thallas mis-socjeta' attrici.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici pprezentata fl-atti nhar it-3 ta' Dicembru 2010 li permezz taghha ipprezentat kopja tal-ittra ufficjali li hija ipprezentat fil-konfront tas-socjeta' konvenuta liema dokument jinsab fl-atti a fol. 47.

Rat ir-risposta ulterjuri tas-socjeta' intimata Mexico Garage Rent-a-Car Co. Ltd datata 24 ta' Frar 2011 fejn esponiet is-segwenti:

1. *Illi s-socjeta' attrici in kwantu cessjonarja tad-drittijiet li allegatament kellha fil-konfront tas-socjeta' konvenuta terza persuna cedenti ma setghet qatt tezercita u tintavola din il-procedura kontra l-istess socjeta' konvenuta qua allegata debitrici, stante illi c-cessjoni ma gietx mgharrfa lis-socjeta' konvenuta allegatament debitrici la mic-cessjonarju u lanqas mic-cedent permezz ta' att gudizzjarju kif rikjest mandatarjament u ad validitatem bil-provvedimenti tal-Artikolu 1471 tal-Kodici Civili. L-ittra ufficjali prezentata a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (prezentata mis-socjeta' attrici a fol 50 tal-process) kjarament ma tissodisfax il-vot tal-ligi ghaliex tali ittra ufficjali ma tikkostitwix notifika tac-cessjoni kif rikjest mill-ligi izda interpellazzjoni ghall-hlas li f'dak il-mument stess, in kwantu tali interpelazzjoni ghall-hlas kienet qed issir mic-cessjonarja tad-drittijiet minghajr ma sar dak mitlub bl-Artikolu 1470 tal-Kodici Civili, kienet ghal kollox intempestiva.*
2. *Illi wkoll l-iskrittura ta' cessjoni tad-dejn hija monka stante illi t-terminu sabiex id-debitur jigi mgharraf b' tali cessjoni ma giex stipulat bic-car kif*

*jirrizulta mill-provvedimenti ta' klawsola hamsa (5) tal-istess skrittura u ghaldaqstant f'kull kaz hija applikabbli l-eccezzjoni tal-intempestivita'.*

3. *Illi wkoll it-talba attrici ghandha tigi respinta stante illi s-socjeta' attrici cedenti hallset biss somma ekwivalenti ghal Lm3,000 lis-socjeta' terza cessjonarja izda qieghda tirreklama minghand is-socjeta' konvenuta qua allegata debitrici somma ekwivalenti ghal Lm4,711.30 u ghalhekk qed tintenta li tarrikixxi ruhha indebitament ghad-dannu tas-socjeta' konvenuta u qed tippretendi li taghmel dan bil-barka ta' din l-Onorabbli Qorti.*
4. *Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez."*

Rat id-digriet tagha tat-13 ta' Mejju 2011 fejn ordnat l-isfilz ta' din ir-risposta ulterjuri prezentata nhar l-24 ta' Frar 2011 u ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

Rat illi nhar it-13 ta' Gunju 2011 is-socjeta' konvenuta pprezentat rikors iehor fejn talbet li tinghata l-fakolta' li tipprezenta risposta ulterjuri u cioe' li l-iskrittura ta' cessjoni ta' dejn hija monka stante illi t-terminu sabiex id-debitur jigi mgharraf b'tali cessjoni ma giex stipulat bic-car kif jirrizulta mill-provvediment ta' klawsola numru hamsa (5) tal-istess skrittura u ghaldaqstant f'kull kaz hija applikabbli l-eccezzjoni tal-intempestivita'. Illi din it-talba giet michuda fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2011.

Illi fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2011 deher Dr Chris Cilia ghas-socjeta' konvenuta li talab li r-rikors tieghu datat 13 ta' Gunju 2011 esebit fl-atti a fol 65 jigi ravivat fis-sens li jigi revokat *contario imperio* d-digriet moghti fis-

seduta tat-22 ta’ Settembru 2011 u l-Qorti laqghet it-talba fis-seduta tal-24 ta’ Ottubru 2011 u s-socjeta’ attrici nghatat kopja ta’ dan l-istess rikors esebit fl-atti a fol. 65 u nghatat hmistax il-jum sabiex tirrispondi ghal dan ir-rikors.

Illi nhar is-27 ta’ Ottubru 2011 is-socjeta’ attrici pprezentat ir-risposta taghha u opponiet ghat-talba tas-socjeta’ konvenuta li tintavola eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet li nghata fl-14 ta’ Gunju 2012 fl-ismijiet premessi (fol. 87) fejn din il-Qorti cahdet it-talba tas-socjeta’ konvenuta fir-rikors taghha tat-13 ta’ Gunju 2011 sabiex tigi awtorizzata tipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri.

**Louis Pace** xehed fis-26 ta’ Settembru 2012 fejn ikkonferma li huwa jokkupa il-kariga ta’ Direttur tas-socjeta’ konvenuta. Ikkonferma li ma ghandu l-ebda relazzjoni mas-socjeta’ attrici u qatt ma innegozja maghha. Qatt ma iffirma xi skrittura jew kuntratt maghha. Hu kkonferma wkoll li qabel ma nfethet il-kawza odjerna, qatt ma ircieva l-ebda komunika minghandha.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tas-26 ta’ Settembru 2012 fejn Dr Chris Cilia ghas-socjeta’ konvenuta obbliga ruhu li jipprezenta nota ta’ referenza dwar l-artikolu ta’ preskrizzjoni kif indikat fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta’ konvenuta pprezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-2 ta’ Ottubru 2012 li permezz taghha eccepiet:-

*"Illi l-azzjoni attrici hija preskritta in toto jew in parte bl-eghluq ta' tmintax-il xahar a tenur **tal-Artikolu 2148(f) tal-Kodici civili** f'kaz li l-oggett mikri lis-socjeta' konvenuta jigi meqjus bhala mobbli fin-natura tieghu u bl-eghluq ta' hames snin a tenur tal-**Artikolu 2156 (c) tal-Kodici Civili** f'kaz li l-oggett mikri lis-socjeta' konvenuta jigi meqjus bhala immobbli fin-natura tiegh*u."

Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2013 il-partijiet qablu li din il-Qorti ghandha taghti sentenza fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Frar 2013 il-Qorti tat sentenza preliminari fl-ismijiet premessi fejn giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta u cioe' li l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148 (f) u 2156 (c) tal-Kodici Civili u l-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

**Jason Aquilina** xehed fil-15 ta' Lulju 2013 in kontro-ezami fejn gie mistoqsi jekk huwa kienx gharraf lil Louis Pace tal-Mexico Garage Rent-a-Car Co Ltd dwar l-iskrittura li kien iffirma mal-Malta International Airport (MIA) u huwa wiegeb li kien accennalu dwar dan. Filfatt huwa kkonferma li kien kellmu wara li kien iffirma din l-iskrittura. Huwa ma kienx ivverifika ma' Louis Pace qabel ma ffirma din l-iskrittura jekk verament dan id-dejn kienx dovut. Ghalhekk huwa qaghad biss fuq l-invoices li gew mghoddija lilu mill-MIA u esebiti fl-atti u mmarkati mill-Qorti bhala Dokument JA1 et seq fil-process.

Mistoqsi jekk l-MIA nfurmawhx jekk ghamlux xi att gudizzjarju fil-konfront ta' Louis Pace, qal li ma jiftakarx jekk kinux qalulu jew le. Pero' huwa jaf li l-invoices in kwistjoni kienu antiki u ghalhekk issoppona li kienu aggixxew

ulterjorment. Dan fis-sens li d-debitu kien ilu dovut ghal certu zmien. Ghalhekk huwa kkonferma li effettivament huma kienu hallsu lill-MIA is-somma ta’ tlett elef ghalkemm l-MIA kienet dovuta aktar flejjes.

Huwa kkonferma li hallsu tlett elef liri Maltin permezz ta’ pagamenti mensili u konsekuttivi ta’ hames mitt lira Maltin, dejjem skont il-ftehim Dok JA. Ufficjalment huma qatt ma baghtu kopja ta’ dan il-kuntratt Dok JA lil Louis Pace qabel ma fethu l-kawza odjerna. Mistoqsi ghaliex effettivament hallsu biss is-somma ta’ tlett elef liri Maltin meta filfatt kienu dovuti aktar wiegeb li onestament nesa’ llum il-gurnata. Jista’ jkun hemm ragunijiet kummercjali ta’ dakinhar li llum mhuwiex konxju taghhom.

Ix-xhud saritlu referenza ghal ittra ufficjali li hija esebita fl-atti a fol 45 u stqarr li din l-ittra ufficjali giet mibghuta lis-socjeta’ konvenuta fejn infurmahom li huwa dovut dan l-ammont cioe’ Lm4,711.3 rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut minnu lilhom. Dan minkejja li effettivament kienu talbuhom diversi drabi. Pero’ ma’ din l-ittra ufficjali ma jidhirlux li kienu baghtu kopja tal-ftehim.

**Louis Buhagiar** xehed fil-15 ta’ Lulju 2013 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta’ finance manager gewwa l-Malta International Airport. Huwa spjega li Mario Psaila Savona rtira mill-MIA f’Gunju 2011. Ix-xhud konxju mill-ftehim li gie ffirmat fl-1 ta’ Mejju 2006 bejn is-socjeta’ Malta International Airport plc u F.A. Limited. Filfatt huwa ra li hemm kopja ta’ dan il-ftehim li huwa esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok JA. Huwa pero’ ma kienx involut fil-ftehim. Ix-xhud stqarr illi ma jafx jekk effettivament Louis Pace kienx gie nfurmat b’dan il-ftehim qabel ma gie ffirmat minnhom. Dan il-kuntratt gie ffirmat minn Peter

Bollel li kien CEO tal-MIA dak iz-zmien. Dan huwa Awstrijak u llum il-gurnata ma jahdimx Malta. Ix-xhud tenna li kien hemm ukoll Chief Financial Officer (CFO) certu Austin Calleja li llum il-gurnata jinsab imsiefer. Ix-xhud wara li rcieva l-ingunzjoni relattiva, kull ma sab huwa kopja ta' dan l-istess ftehim. Mistoqsi jekk hadux xi proceduri fil-konfront ta' Louis Pace qal li kull ma jaf huwa li kienu jiktbulu u jcemplulu pero' ma jaf xejn aktar dwaru. Huwa ilu jahdem bhala Finance Manager ghal dawn l-ahhar sitta jew seba' snin u kellhom Credit Controller li tiehu hsieb il-kreditu tal-kumpanija pero' llum il-gurnata din ukoll m'ghadhiex tahdem maghhom. Huwa ma setghax isib jekk huma baghtu xi ittri lil Mexico Garage u lanqas ma jaf jekk effettivament Louis Pace giex nfurmat b'dan il-ftehim.

Rat il-verbal tat-23 ta' Ottubru 2013 fejn Dr Maria Azzopardi fl-interess tas-socjeta' konvenuta nfurmat lill-Qorti li hija bi hsiebha tipprezenta nota ta' eccezzjonijeit ulterjuri u l-Qorti akkordatilha zmien gimgha biex tipprezenta l-istess.

Rat l-eccezzjonijiet ulterjuri pprezentata mis-socjeta' konvenuta nhar l-20 ta' Novembru 2013 fejn is-socjeta' konvenuta ghal darb'ohra eccepiet il-preskrizzjoni din id-darba ai termini tal-artikolu 2148(f) tal-Kodici Civili u ddikjarat li l-oggett mikri lis-socjeta' konvenuta ghandu jitqies bhala mobbli fin-natura tieghu.

Rat ir-rikors ta' l-istess socjeta' konvenuta datat 5 ta' Mejju 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkoregi l-artikolu ta' preskrizzjoni citat minnha fin-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri taghha fis-sens li l-artikolu ta' preskrizzjoni kellu jkun l-

**Artikolu 2156(f)** u mhux l-**Artikolu 2148 (f)** kif erronjament indikat minnha fl-istess eccezzjoni a fol 140 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjoni tas-socjeta' attrici maghmula ai fini ta' din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ai termini ta' l-**Artiklu 2156 (f)** tal-Kodici Civili prezentata fl-atti nhar l-24 ta' Frar 2014 (fol. 143).

Rat is-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi nhar it-18 ta' Gunju 2014 fejn din il-Qorti kienet cahdet l-eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta ai termini tal-**Artikolu 2156 (f)** tal-Kodici Civili u ordnat il-kontinwazzjoni tal-kawza.

Rat in-nota ta' sottomissjoni tas-socjeta' attrici prezentata fl-atti nhar it-12 ta' Settembru 2013 (fol. 137).

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2014 u cioe' li Dr Maria Cardona ghas-socjeta' attrici talbet illi l-kawza tithalla ghas-sentenza u l-Qorti laqghet it-talba wara li rat li fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2014 hadd mill-partijiet ma deher, li fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2014 rega' hadd ma deher u li fil-15 ta' Ottubru 2014 hadd ma kien deher u ghalhekk din il-kawza giet differita ghall-10 ta' Dicembru 2014 ghas-sentenza finali.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti:

1. Illi s-socjeta' attrici pprezentat ir-rikors odjern fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallasha s-somma ta' ghaxart elef, disgha mija w erbgha u sebghin ewro u tmienja u tletin ewro centezmu (€10,974.38) rapprezentanti varji servizzi rezi lilha, li baqghu ma thallsux nonostante diversi interpellazzjonijiet.
2. Illi jidher li dan id-dejn li kellha s-socjeta' konvenuta kien originarjament dovut minnha lis-socjeta' Malta International Airport wara li kienet kriet il-kiosk li kellha gewwa l-International Airport ta' Malta ghal xi zmien u ma kienitx hallset il-kirja tieghu.
3. Is-socjeta' attrici kienet dahlet f'negozjati mas-socjeta' Malta International Airport li una volta s-socjeta' konvenuta ma thallashiex il-kreditu taghha hija kienet lesta li tikri l-istess kiosk li kellha s-socjeta' konvenuta lilha.
4. Ghalhekk is-socjeta' attrici accettat mas-socjeta' Malta International Airport li hija thallas id-debitu li kellha s-socjeta' konvenuta maghha u hija tidhol fl-istess zarbun taghha fis-sens li s-socjeta' konvenuta tigi debitrici taghha u jkollha d-dritt li tikkjama d-dejn direttament hi minghand is-socjeta' konvenuta.
5. Illi nhar l-1 ta' Mejju 2006 is-socjeta' attrici iffirmat *Assignment of debts* mas-socjeta' Malta International Airport liema ftehim jinsab esebit fl-atti mmarkat bhala Dok. JA a fol 11 tal-process.
6. Illi minn ezami ta' dan id-dokument jidher li s-socjeta' konvenuta kellha dejn mas-socjeta' Malta International Airport fl-ammont ta' Lm4,711.30 ekwivalenti ghal ghaxart elef, disgha mija w erbgha u sebghin Ewro u tmienja u tletin centezmu (€10,974.38) rapprezentanti varji invoices kif indikati fid-dokument esebit fl-atti u mmarkat bhal Dok. JA 1 a fol. 13 tal-process.

7. Jidher li s-socjeta' attrici xtrat dan id-dejn ghal prezz ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000) ekwivalenti ghal sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il centezmu (€6,988.12).
8. Jirrizulta pero' li s-socjeta' konvenuta qatt ma giet infurmata ufficjalment jew notifikata b'dan il-ftehim tal-*assignment of debts* bejn is-socjeta' attrici u l-Malta International Airport plc u semmai jista' jirrizulta biss li Louis Pace, Direttur tas-socjeta' konvenuta kien jaf bin-negozjati li kienu ghaddejjin dwar dan l-assignment u dan ghaliex Jason Aquilina fix-xhieda tieghu hekk jistqarr. Ghalkemm jista' jinghad illi effettivament is-socjeta' konvenuta kellha informazzjoni dwar dan l-assignment of debts wara li sar kif jirrizulta min-nota li pprezentat is-socjeta' konvenuta fl-atti tal-Ittra Ufficjali 4557/09 pprezentata mis-socjeta' attrici.
9. U dan minkejja li fil-klawsola 5 tal-istess ftehim Dok JA hemm imnizzel li:-

   *"By not later than [-] the Assignor and the Assignee shall:*

   *i. Inform the Debtor of the Assignment; and*

   *ii. Request the Debtors to acknowledge the Assignment by means of a judicial act."*

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra issa titratta l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta fis-sens li s-socjeta' attrici ma kellhiex id-dritt li tagixxi b'din il-kawza taghha peress illi l-iskrittura ta' cessjoni jew ahjar kif imsejha l-*Assignment of Debts* li fuqha s-socjeta' attrici qed tibbaza l-azzjoni taghha qatt ma giet notifikata lis-socjeta' konvenuta.

Illi ghalhekk din hi l-pern tal-kwistjoni. M'hemmx dubju li la s-socjeta' Malta International Airport Ltd u lanqas is-socjeta' attrici qatt innotifikaw lis-socjeta'

konvenuta b'din ic-cessjoni u dan il-fatt jikkonfermawh kemm Jason Aquilina Direttur tas-socjeta' attrici kif ukoll Louis Pace Direttur tas-socjeta' konvenuta.

Illi l-**Artikoli 1469 u 1470 tal-Kodici Civili** testwalment jipprovdu hekk:

**'1469.** Ic-cessjoni jew bejgh ta' kreditu, ta' jedd, jew ta' azzjoni hija perfetta, u l-proprjetà taghhom tigi akkwistata *ipso jure* mic-cessjonarju, hekk kif isir il-ftehim fuq il-kreditu, fuq il-jedd jew fuq l-azzjoni u fuq il-prezz, u, barra minn meta c-cessjoni tkun ta' jeddijiet trasferibbli bil-kunsinna tat-titolu, hekk kif isir l-att tac-cessjoni.

**1470.** (1) Ic-cessjoni ma tiswiex jekk ma ssirx bil-miktub.

(2) Ic-cessjoni ta' jeddijiet ta' wirt, jew ta' krediti, ta' jeddijiet, jew azzjonijiet li gejjin minn atti pubblici, ma tiswiex jekk ma ssirx b'att pubbliku.'

Ikun utili ghalhekk li ssir referenza ghall-principji li jirregolaw dan l-istitut. Ghal dan il-ghan il-kawza fl-ismijiet '**Vincent Buttigieg vs Qala St. Joseph Football Club'**[1] intqal:

*'Ic-cessjoni ta' krediti hi regolata mill-artikoli 1469 – 1484 tal-Kodici Civili (Kap 16). Negozju li permezz tieghu l-kreditur (cedent) jittrasferixxi d-dritt tal-kreditu lil terz (ic-cessjonarju), u bhala negozju jidhol fil-kategorija ta' atti ta'*

[1] Cit Nru: 72/2005AE deciza fl-14 ta' Dicembru, 2007

*aljenazzjoni;'la cessione ha per oggetto il trasferimento di un diritto di credito. Sotto questo riguardo il negozio si differenzia rispetto alla cessione del contratto, la quale ha per oggetto il trasferimento di un rapporto contruattuale a prestazioni non ancora eseguite, ossia la complessiva posizione di diritti ed obbligi scaturati dal contratto. In quanto la cessione del contratto comporta la sostituzione della parte tenuta all'esecuzione del rapporto, essa richiede il consenso della parte ceduta. Questo consenso non e' invece di regola necessario per la cessione del credito poiche' il cedente aliena una semplice pretes creditoria, e per il debitore ceduto e' normalmente indifferente eseguire la prestazione ad un nuovo avente diritto' (Diritto Civile, C. Massimo Bianca, Dott. A. Giuffre'Editore, 1993, Volum IV L'Obbligazione, pagna 571). Skond l-Artikolu 1470 'ic-cessjoni ma tiswiex jekk ma ssirx bil-miktub'. Kitba li hi mehtiega mhux ad probationem tantum izda ad solemnitatem (ara sentenza fil-Volum XXXII.I.620)'*[2].

Hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet '**Frank Salt Real Estate Limited vs Kevin Crocford et**'[3] gie ribadit li r-rekwizit li c-cessjoni tkun bil-miktub sabiex l-istess titqies legalment valida u effettiva huwa rekwizit mehtieg *ad validitatem,*

b'dana li fil-kaz li tali att bil-miktub ma jsirx ma jistax jitqies li tkun sehhet cessjoni ta' kreditu, jedd jew azzjoni skond il-kaz.

Illi mbaghad l-**Artikolu 1471 tal-Kodici Civili** jistipula li f'cessjoni ta' kreditu hi mehtiega d-denunzja lid-debitur b'att gudizzjarju sabiex ic-cessjonarju jkun jista' jezercita l-jeddijiet lilu ceduti. In-nuqqas ta' tali notifika ggib maghha

---

[2] Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **George Borg vs John Debono,** Appell Civili Nru: 441/1988 deciz fit-18 ta' Frar, 2003; u s-sentenza fl-ismijiet **Vincent Azzopardi vs Middle Sea Insurance Company Limited,** Appell Civili Nru: 1558/1995 deciz fis-7 ta' Lulju, 2006

[3] Avviz Nru: 508/2005GV deciz fl-10 ta' Ottubru, 2011.

certi konsegwenzi. Fis-sentenza appena succitata '**<u>Frank Salt Real Estate Limited vs Kevin Crocford et'</u>** gie ritenut li

*'It-taghrif gudizzjarju ta' cessjoni ta' jeddijiet hu importanti ghall-fini li c-cessjonarju jista' jezercita fil-konfront ta' terzi, inkluz il-pretiz debitur, il-jeddijiet lilu ceduti, izda dan it-taghrif jippresupponi, anzi jesigi l-ezistenza ta' ftehim bil-miktub'*[4]**.**

Illi rigward l-imsemmija materja u cioe' jekk is-socjeta' konvenuta kellhiex tigi notifikata bic-cessjoni l-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **<u>"Emmanuela sive Lily Schembri vs Marco Aroyo</u>**" (P.A. 16 ta' Dicembru 1949) li fiha wiehed isib insenjament interessanti dwar it-taghrif ta' cessjoni ta' kreditu. Fl-imsemmija sentenza l-Qorti kienet tal-opinjoni illi m'hemmx ghalfejn li l-iskrittura ta' cessjoni nnifisha tigi notifikata izda hu bizzejjed li tigi notifikata s-sustanza tal-konvenzjoni. Fl-istess sentenza gie kwotat l-awtur Laurent li jghid:-

*"E inutile far conoscere al debitore e ai terzi le clausole del contratto, che interessano soltanto le parti contraenti. L'unica cosa che essi abbiano interesse di sapere e' il fatto della cessione del credito. Ecco tutto quanto che deve essere notificato al debitore. Cosi` la pensano tutti gli scrittori; e la giurisprudenza ha consacrato questa opinione*."

[4] Ara **Emmanuela Sive Lily Schembri v. Marco Aroyo,** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Dicembru 1949, Vol XXXIIIE.II.446

Illi ghalhekk huwa l-kompitu ta' din il-Qorti sabiex tezamina l-atti u tara jekk is-socjeta' konvenuta kienitx taf bl-assenjazzjoni minkejja li ma kienitx mgharrfa b'tali assenjazzjoni b'att gudizzjarju. Jason Aquilina Direttur tas-socjeta' attrici fix-xhieda tieghu tad-29 ta' Marzu 2010 jghid li kien jiltaqa' ma Louis Pace Direttur tas-socjeta' konvenuta il-kunsill u kien qallu li kien ha *over* id-dejn li kellu mal-Malta International Airport u jghid li Pace ma kien qallu xejn u ghalhekk fehem li kien accetta dan il-fatt. Louis Pace meta xehed nhar is-26 ta' Settembru 2012 ma jichadx dan id-diskors ta' Jason Aquilina, jghid biss li ma rcieva l-ebda komunika dwar dan il-ftehim.

Illi minn ezami tal-atti processwali jidher li hemm esebit kopja ta' l-ittra ufficjali msemmija fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici (fol. 45) datata 27 ta' Awwissu 2009 liema ittra ufficcjali saret ai termini tal-Artikolu 166A u ggib in-numru 4557/09 u anness mal-ittra ufficcjali hemm kopja tal-ftehim li sar dwar ic-cessjoni. Minn ezami tal-istess jirrizulta ghalhekk *ab initio* li s-socjeta' attrici kienet gja nterpellat lis-socjeta' konvenuta sabiex thallasha s-somma mitluba minnha f'din il-kawza u gharfitha bl-assenjazzjoni. Fil-fatt kienet gharfitha li kienet saret assenjazzjoni dwar debitu li hija kellha ma' Malta International Airport u sahanstra anke gharfitha li kien sar kuntratt bejnha u bejn Malta International Airport datat l-1 ta' Mejju 2006 u li effettivament kienet giet surrogata fid-drittijiet li kellha l-Malta International Airport fil-konfront taghha. F'din l-ittra ufficjali jirrizulta wkoll li s-socjeta' attrici interpellat lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas izda dan nonostante baqghet ma hallsitx u kien ghalhekk li pprezentat din l-ittra ufficjali u sussegwentement din il-kawza. Jidher li s-socjeta' kovenuta kienet giet notifikata b'din l-ittra ufficcjali nhar l-4 ta' Setttembru 2009 kif jirrizulta mit-timbru tal-purtier Mario Bonnici datat 11 ta' Settembru 2009 (fol. 49).

Illi in oltre jirrizulta li s-socjeta' konvenuta kienet ipprezentat risposta ghall-ittra ufficjali fuq indikata nhar it-30 ta' Settembru 2009 fejn indikat li kienet gia mgharfa bic-cessjoni li kienet saret ghalkemm sostniet li l-ittra ufficjali ma setghetx giet intavolata ghaliex ma kienitx giet mgharrfa bic-cessjoni qabel ma saret l-ittra ufficjali u in oltre sostniet li l-pretensjoni tas-socjeta' attrici kienu preskritti.

Illi ghalhekk permezz ta' dawn iz-zewg atti gudizzjarji u cioe' l-ittra ufficjali li saret ai termini tal-Artikolu 166A u r-risposta tas-socjeta' konvenuta l-Qorti hija sodisfatta li s-socjeta' konvenuta kienet ben konxja bl-assenjazzjoni li saret bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' Malta International Airport Ltd meta s-socjeta' attrici kienet xtrat id-debitu li s-socjeta' konvenuta kellha ma' Malta International Airport Ltd u kien ghalhekk lecitu li hija tipprocedi sabiex tithallas il-kreditu taghha.

Illi ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta qieghda tigi michuda.

Dwar it-tieni eccezzjoni u cioe' li ir-rikors promotur huwa neboluz u ma jissodisfax id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 12 stante li ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' x'inhuma s-servizzi rezi illi s-socjeta' attrici qed tippretendi l-hlas taghhom.

Illi din il-Qorti tirrileva li s-socjeta' konvenuta kienet gja mgharrfa bid-debitu taghha versu s-socjeta' attrici permezz tal-ittra ufficcjali li kienet giet notifikata lilha. F'dik l-istess ittra hemm indikat l-pretensjoni tas-socjeta'

attrici in funditus. Ir-rikors promotur segwa din l-ittra ufficcjali u tant is-socjeta' konvenuta kienet taf fuq xiex hi bazata t-talba tas-socjeta' attrici li pprezentat l-eccezzjonijiet propizji taghha. Molto piu' wara li xehed Jason Aquilina fl-ewwel seduta u esebixxa l-invoice relattiva mmarkata Dok. JA 1, is-socjeta' konvenuta zgur li fehmet l-import ta' din il-kawza u ghalhekk tali tieni eccezzjoni qieghda tigi wkoll respinta.

Dwar it-tielet eccezzjoni u cioe' li l-azzjoni hija preskritta din il-Qorti taghmel referenza ghaz-zewg sentenzi gja moghtija minnha indikati aktar 'il fuq fejn tali eccezzjoni kienet gja giet trattata u rigettata u ghalhekk f'dan l-istadju tastjeni milli tiehu konjizzjoni ultejuri taghha.

Dwar ir-raba' eccezzjoni li l-azzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez ghaliex l-ebda ammont m'hu dovut jinghad bir-rispett kollu li s-socjeta' attrici ssodisfatt lill-Qorti bil-kreditu taghha waqt li s-socjeta' konvenuta fl-ebda stadju ma ppruvat il-pagament u ghalhekk tali eccezzjoni qed tigi michuda wkoll.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici b'dan illi qeda tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef, disgha mija w erbgha u sebghin ewro u tmienja u tletin Ewro centezmu (€10,974.38).**

**Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 4557/09, u tal-mandat ta' Sekwestru u Qbid ipprezentati kontestwalment mar-rikors promotur a karigu tas-socjeta' konvenuta.**

**Imghax legali jibda' jiddekorri mid-data tan-notifika tal-Ittra Ufficjali 4557/09.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------